# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrate Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 17 ta’ Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**
**vs**
**Abdul Rashid**
**Abdullah Farah Ahmed**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Abdul Rashid** ta’ 20 sena, iben Mohammed Ali u Basra Mohamed, imwieled Mogadishu Somalia nhar id-19 ta’ Lulju 2000, minghajr residenza u detentur ta numru tal-Pulizija 20L-014; u

**Abdullah Farah Ahmed**, ta’ 18 il-sena, iben Farah Ahmed u Farhia imwieled Mogadishu Somalia nhar l-20 ta’ Mejju 2002, residenti gewwa il-Hal Far Open Centre, u detentur ta’ numru tal-Pulizija 19R-018.

Akkuzati talli fis-16 ta’ Settembru 2020 u jew fil-jiem gimghat u xhur ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer

1. Uzaw jew kellhom fil-pussess taghhomn xi passaport li huma kienu jafu li gew iffalsifikat, mibdul, jew li sar xi tibdil fih;
2. Ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu mnn xi dokumenti ohra falsifikati;
3. mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess taghhpom xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta’dan l-Att li kien falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Lil **Abdul Rasih wahdu**

4. Talli nhar is-7 ta’ Marzu 2020, gewwa l-gzejjer Maltin ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta’ persuni inkarigati mill-kustodja tieghu.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidra l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputat, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 151, 160, u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Abdul Rasid** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija.

wara li rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Abdullah Farah Ahmed** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRATE**